Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,364, 7 ta' Diċembru, 1984
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXII ta' l-1984

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT għar-ratifika ta' Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja.

ACT No. XXII of 1984

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to ratify the Treaty of Friendship and Co-operation between Malta and Libya.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

7 ta' Diċembru, 1984

ATT Nru. XXII ta' l-1984

ATT għar-ratifika ta' Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1984 dwar Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn Malta u l-Libja.

Ratifika ta' Trattat.

2. It-Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista, iffirmat fid-19 ta' Novembru, 1984, u l-Protokol dwar koperazzjoni fis-sigurtà iffirmat fl-istess data, liema żewġ dokumenti qegħdin fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Att, li huma ftehim internazzjonali li għandhom x'jaqsmu ma' l-istatus ta' Malta fid-dritt internazzjonali, l-appoġġ għal dak l-istatus u s-sigurtà ta' Malta, is-sovranità u l-integrità territorjali tagħha, qed jiġu b'dan ratifikati għall-finijiet u effetti kollha ta' l-Att ta' l-1983 dwar ir-Ratifika ta' Trattati, u għalhekk il-bdil tad-dokumenti ta' ratifika bejn ir-Repubblika ta' Malta u l-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista qed jiġi b'dan awtorizzat.

Att Nru V ta' l-1983

SKEDA

(Artikolu 2)

TRATTAT
TA' ĦBIBERIJA U KOPERAZZJONI
BEJN
IL-GVERN TAR-REPUBBLIKA TA' MALTA
U L-ĠEMAHIRIJA GĦARBIJA LIBJANA
POPOLARI SOĊJALISTA

Il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta,

u

l-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista

1. Billi jixtiequ jżommu r-rabtiet ta' ħbiberija u r-relazzjoni strateġika li jeżistu bejniethom, u r-rieda tagħhom għat-tisħiħ u l-iżvilupp tar-relazzjoni ta' koperazzjoni fuq is-sisien ta' benefiċċju u ġid reċiproku bejn il-poplu Malti u l-poplu Għarbi Libjan,

2. Billi jridu jibdlu l-Mediterran f'baħar ta' paċi u jikkoperaw biex jilħqu dan l-għan,

3. Meta titqies id-deċiżjoni tal-Poplu tar-Repubblika ta' Malta li darba għal dejjem ma jibqax jagħmel il-parti ta' ħsara u umiljanti bħala bażi militari barranija u li minflok isir pont ta' ħbiberija bejn l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq,

4. Jiddeċiedu b'dan it-Trattat li jsaħħu s-sigurtà, il-ħbiberija u l-koperazzjoni reċiproka bejn iż-żewġ pajjiżi, skond il-prinċipji ta' non alinejament u l-Att tal-Ġnus Magħquda u għalhekk jiftehmu kif ġej:

Artiklu 1

Il-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista u r-Repubblika ta' Malta jintrabtu li ma jieħdux sehem f'xi Allejanza Militari li tista' tolqot l-interessi tas-sigurtà tal-parti l-oħra.

Artiklu 2

Malta tintrabat li ma tħallix li bażijiet Militari barranin jiġu stabbiliti fit-territorju tagħha u tintrabat li ma tħallix li t-territorju tagħha jintuża militarment kontra s-sigurtà u l-integrità territorjali tal-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista.

Artiklu 3

Il-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista tintrabat li tirrispetta u tagħti l-appoġġ tagħha għan-newtralità ta' Malta u li tgħin lil Malta kull meta l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta b'mod ċar hekk jitlob f'każijiet ta' theddid jew għemejjel ta' aggressjoni kontra l-integrità u s-sovranità territorjali ta' Malta.

Artiklu 4

Minħabba l-importanza tal-vijabbiltà ekonomika ta' Malta qed jiġi miftiehem li jkun hemm promozzjoni ta' koperazzjoni ekonomika fl-oqsma ta' *joint ventures*, bdil kummerċjali bilanċjat, u l-użu tax-xogħol tal-ħaddiem Malti. Għal dan il-għan, ftehim fl-oqsma tad-difiża, tat-tagħrif u ta' l-ekonomija jkunu jagħmlu parti integrali minn dan it-Trattat.

Artiklu 5

Iż-żewġ naħat jaħdmu biex ikun hemm żvilupp ta' koperazzjoni bejniethom fl-oqsma tat-tagħrif u tal-kultura bil-għan li jkun hemm rabtiet akbar bejn iż-żewġ popli.

Artiklu 6

Iż-żewġ naħat jagħmlu konsultazzjonijiet bil-għan li jersqu lejn xulxin dwar il-mod kif jaraw kwistjonijiet politiċi, ekonomiċi, ta' sigurtà u internazzjonali li jolqtu l-interessi tagħhom sew direttament jew indirettament, u jagħmlu l-almu tagħhom biex jappoġġaw lil xulxin dwar kif jaraw dawn il-kwistjonijiet kull meta jkun hemm il-ħtieġa għal dan l-appoġġ reċiproku.

Artiklu 7

Iż-żewġ naħat jagħmlu kull ma jistgħu biex jikkordinaw l-isforzi tagħhom fiż-żamma ta' paċi u sigurtà internazzjonali, b'mod speċjali fir-reġjun tal-Mediterran, u jenfasizzaw il-lealtà tagħhom għall-prinċipji u l-għanijiet tal-Ġnus Magħquda u Non Allinejament.

Artiklu 8

Iż-żewġ naħat jiftehmu li jwaqqfu Kummissjoni Mista li tiltaqa' fuq livell Ministerjali darba f'Valletta u darba fi Tripoli, għall-anqas darba kull sitt xhur, biex jirrivedu l-progress fl-oqsma ta' koperazzjoni hawn fuq imsemmija u sabiex tkun ippjanata u jaraw li ssir l-implimentazzjoni ta' koperazzjoni f'setturi ġodda.

Artiklu 9

Kull differenzi bejn iż-żewġ naħat li jistgħu jinqalgħu mill-interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet jintlaħaq ftehim dwarhom bħal aħwa.

Artiklu 10

Dan it-"Trattat" huwa għal ħames snin u jiġġedded awtomatikament għal perijodi oħra ta' ħames snin il-wieħed sakemm ħadd miż-żewġ naħat ma juri x-xewqa bil-miktub li jbiddel xi parti minnu jew iħassru għall-anqas sitt xhur qabel id-data tat-tmiem tiegħu.

Artiklu 11

Dan it-Trattat jibda jseħħ immedjatament mad-data tal-bdil tad-dokumenti ta' ratifika iżda mhux iktar tard minn Jannar 1985.

Magħmul f'Valletta fid-dsatax ta' Novembru ta' l-Elf Disa' Mija u Erbgħa u Tmenin li tikkorrispondi għall-25 Safar 1394 f'żewġ oriġinali fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Għarbi ż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

Kurunell Muammar El Gaddafi
Mexxej tar-Revoluzzjoni
ta' l-Ewwel ta' Settembru
Għall-Ġemahirija Għarbija Libjana
Popolari Soċjalista

Dom Mintoff
Prim Ministru
Għar-Repubblika ta' Malta

PROTOKOL DWAR KOPERAZZJONI FIS-SIGURTA'

Meqjus l-Artiklu 3 tat-Trattat ta' Ħbiberija u Koperazzjoni bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u l-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista, iffirmat f'Malta fid-19 ta' Novembru, 1984, iż-żewġ naħat ftehmu wkoll kif ġej:

1. Sabiex kull naħa tkun mgħarrfa għal kollox fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-ftehim, iż-żewġ naħat jiftehmu li għandu jkun hemm bdil kontinwu ta' tagħrif dwar ħwejjeġ ta' nteress speċjali għas-sigurtà reċiproka u għal għanijiet ta' difiża tan-naħa l-oħra; u

2. Sabiex il-Forzi Armati ta' Malta jilħqu livelli ogħla ta' tħejjija militari sabiex ikunu jistgħu jilqgħu theddid jew għemejjel ta' aggressjoni kontra l-integrità u s-sovranità territorjali ta' Malta n-naħa Libjana għandha tagħti taħriġ lil persuni militari Maltin fil-Libja jew f'Malta kif iż-żewġ naħat jiftiehmu minn żmien għal żmien u f'dak in-numru u b'dak il-mod kif ikun miftiehem.

3. Sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-Forzi Armati ta' Malta li jkunu identifikati minn żmien għal żmien mit-taqsimiet differenti tal-forzi ta' Malta, in-naħa Libjana qablet li tistudja biex tipprovdi mill-armeriji u ħażniet tagħha kull tagħmir u armamenti militari li n-naħa Maltija tkun teħtieġ għall-użu tagħhom.

Dr Alex Sceberras Trigona
Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura tar-Repubblika ta' Malta

Dr Ali Treiki
Segretarju ta' l-Uffiċċju Popolari għal Relazzjonijiet Barranin tal-Ġemahirija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 213 ta' l-4 ta' Diċembru, 1984.

DANIEL MICALLEF
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati